Nru./No. 21,468
Prezz/Price
€3.60

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

**It-Tlieta, 15 ta' Lulju, 2025**
**Tuesday, 15th July, 2025**

**Pubblikata b'Awtorità**
**Published by Authority**

## SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 9405 - 9417
*Government Notices* ..... *9405 - 9417*

Avviżi tal-Pulizija ..... 9417 - 9421
*Police Notices* ..... *9417 - 9421*

Avviżi lill-Baħħara ..... 9422 - 9427
*Notices to Mariners* ..... *9422 - 9427*

Avviżi tal-Gvern ..... 9427 - 9431
*Notices* ..... *9427 - 9431*

Offerti ..... 9431 - 9441
*Tenders* ..... *9431 - 9441*

Avviżi tal-Qorti ..... 9442 - 9480
*Court Notices* ..... *9442 - 9480*

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 1095**

**FORZI ARMATI TA' MALTA**
**(FORZA REGOLARI)**

IL-MINISTRU għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol approva r-rinunzja tal-ħatra tal-Kurunell Edric Zahra bħala Deputat Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, b'seħħ mill-10 ta' Awwissu, 2025.

Il-15 ta' Lulju, 2025

**Nru. 1096**

**FORZI ARMATI TA' MALTA**
**(FORZA REGOLARI)**

IL-MINISTRU għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol approva l-ħatra tal-Kurunell James Louis Grech bħala Deputat Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, b'seħħ mill-11 ta' Awwissu, 2025.

Il-15 ta' Lulju, 2025

**Nru. 1097**

**PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ**
**TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 139 imsejjaħ l-Att tal-2025 li jemenda l-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard.

Il-15 ta' Lulju 2025

**Nru. 1098**

**MINISTRU GĦAT-TRASPORT,**
**L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET**
**PUBBLIĊI**

**Kumitat Konsultattiv dwar il-Mobilità Sostenibbli**

NGĦARRFU b'din illi l-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi għamel dawn il-ħatriet fuq il-Kumitat Konsultattiv dwar il-Mobilità Sostenibbli:

*Chairperson*
Is-Sur Matthew Farrugia

*Membri*
Il-Prof. Maria Attard
Is-Sur Peter Paul Barbara

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 1095**

**ARMED FORCES OF MALTA**
**(REGULAR FORCE)**

THE Minister for Home Affairs, Security and Employment has approved the relinquishment of the appointment of Colonel Edric Zahra as Deputy Commander of the Armed Forces of Malta, with effect from 10th August, 2025.

15th July, 2025

**No. 1096**

**ARMED FORCES OF MALTA**
**(REGULAR FORCE)**

THE Minister for Home Affairs, Security and Employment has approved the appointment of Colonel James Louis Grech as Deputy Commander of the Armed Forces of Malta, with effect from the 11th August, 2025.

15th July, 2025

**No. 1097**

**PUBLICATION OF BILL**
**IN SUPPLEMENT**

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 139 entitled the Prevention of Disease Ordinance (Amendment) Act, 2025.

15th July 2025

**No. 1098**

**MINISTRY FOR TRANSPORT,**
**INFRASTRUCTURE AND**
**PUBLIC WORKS**

**Advisory Committee for Sustainable Mobility**

IT is hereby notified for general information that the Minister for Transport, Infrastructure and Public Works has made the following appointments to the Advisory Committee for Sustainable Mobility:

*Chairperson*
Mr Matthew Farrugia

*Members*
Prof. Maria Attard
Mr Peter Paul Barbara

Is-Sa Ritianne Buhagiar
Is-Sa Mariella Camilleri Galea
Is-Sur Daniel Micallef
Is-Sur David Muscat
Is-Sur Kurt Scerri

*Segretarja*
Is-Sa Joan Mangion

Dawn il-ħatriet huma effettivi mill-10 ta' Lulju, 2025, għal perjodu ta' sentejn (2).

L-10 ta' Lulju, 2025

**Nru. 1099**

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA**

**Att għall-Protezzjoni tal-Embrijuni 2003 (Kap. 524) Klawsola 3 (1)**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont il-poteri mogħtija mill-Att għall-Protezzjoni tal-Embrijuni 2003 (Kap. 524) Klawsola 3 (1), il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva għamel il-ħatriet li ġejjin fuq l-Awtorità tal-Protezzjoni tal-Embrijuni. It-terminu tal-Kumitat jiskadi fl-14 ta' Lulju, 2028.

*Chairperson*
l-Imħallef Emeritu Antonio Mizzi

*Viċi Chairperson*
Il-Prof. Pierre Mallia

*Membri*
Is-Sa Josephine Abdilla
Is-Sa Alexia Vella
Is-Sa Mariella Meachen
Il-Prof. Victor Grech

*Segretarja*
Is-Sa Moira Gialanze

Il-15 ta' Lulju, 2025

**Nru. 1100**

**ID-DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ) JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU**

IS-SUR Godwin Warr, Direttur Ġenerali (Kummerċ) daħal lura fuq dmirijietu fit-13 ta' Lulju, 2025, u l-arranġamenti li hemm referenza għalihom fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1043 tat-8 ta' Lulju, 2025, huma b'din imħassrin.

Il-15 ta' Lulju, 2025

Ms Ritianne Buhagiar
Ms Mariella Camilleri Galea
Mr Daniel Micallef
Mr David Muscat
Mr Kurt Scerri

*Secretary*
Ms Joan Mangion

These appointments are valid from the 10th July, 2025 for a period of two (2) years.

10th July, 2025

**No. 1099**

**MINISTRY FOR HEALTH AND ACTIVE AGEING**

**Embryo Protection Act 2003, (Cap. 524) Clause 3 (1)**

IT is hereby being notified for general information that in exercise of the powers conferred by the Embryo Protection Act 2003, (Cap. 524) Clause 3 (1), the Minister for Health and Active Ageing has made the following appointments on the Embryo Protection Authority. The Committee's term expires on the 14th July, 2028.

*Chairperson*
Judge Emeritus Antonio Mizzi

*Vice Chairperson*
Prof. Pierre Mallia

*Members*
Ms Josephine Abdilla
Ms Alexia Vella
Ms Mariella Meachen
Prof. Victor Grech

*Secretary*
Ms Moira Gialanze

15th July, 2025

**No. 1100**

**RESUMPTION OF DUTIES OF DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)**

MR Godwin Warr, Director General (Commerce), resumed duties on 13th July, 2025, and the arrangements referred to in the Government Notice No. 1043 of 8th July, 2025, are hereby being cancelled.

15th July, 2025

**Nru. 1101**

## AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,465 tat-8 ta' Lulju, 2025 (Avviż Legali 126), il-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,466 tad-9 ta' Lulju, 2025 (Avviżi Legali 127 sa 128) u l-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,467 tal-11 ta' Lulju, 2025 (Avviżi Legali 129 sa 135) rispettivament.

A.L. 126 tal-2025: Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549); Regolamenti tal-2025 dwar ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (Filtri tat-Tabakk li fihom il-Plastik).

A.L. 127 tal-2025: *Companies Act (Cap. 386); Companies Act (Register of Beneficial Owners) (Amendment) Regulations, 2025.*

A.L. 128 tal-2025: Att tal-2025 dwar l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel (Att Nru XV tal-2025) (Kap. 649); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

A.L. 129 tal-2025: Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd (Kap. 425), Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437), Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Kap. 449), Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549); Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tar-Rizza.

A.L. 130 tal-2025: Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549); Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Qafas għall-Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss.

A.L. 131 tal-2025: Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549); Regolamenti tal-2025 dwar ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (Irkaptu tas-Sajd li Fih il-Plastik).

A.L. 132 tal-2025: Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (Kap. 545); Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Elettriku.

A.L. 133 tal-2025: *Trusts and Trustees Act (Cap. 331); Trusts and Trustees Act (Register of Beneficial Owners) (Amendment) Regulations, 2025.*

A.L. 134 tal-2025: Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kap. 439); Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikoluži (Emenda Nru 2).

A.L. 135 tal-2025: Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kap. 439); Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ewtanasja ta' Emerġenza tal-Annimali

A.L. 136 tal-2025: Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kap. 439); Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iż-Żamma ta' Annimali f'Żoos.

Il-15 ta' Lulju, 2025

**No. 1101**

## LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,465 of 8th July, 2025 (Legal Notice 126), Government Gazette No. 21,466 of 9th July, 2025 (Legal Notices 127 to 128) and Government Gazette No. 21,467 of 11th July, 2025 (Legal Notices 129 to 135) respectively.

L.N. 126 of 2025: Environment Protection Act (Cap. 549); Extended Producer Responsibility (Tobacco Filters Containing Plastic) Regulations, 2025.

L.N. 127 of 2025: Companies Act (Cap. 386); Companies Act (Register of Beneficial Owners) (Amendment) Regulations, 2025.

L.N. 128 of 2025: Food Safety and Security Authority Act, 2025 (Act No. XV of 2025) (Cap. 649); Commencement Notice.

L.N. 129 of 2025: Fisheries Conservation and Management Act (Cap. 425), Veterinary Services Act (Cap. 437), Food Safety Act (Cap. 449), Environment Protection Act (Cap. 549); Stony Sea Urchin Protection (Amendment) Regulations, 2025.

L.N. 130 of 2025: Environment Protection Act (Cap. 549); Single-use Plastic Framework (Amendment) Regulations, 2025.

L.N. 131 of 2025: Environment Protection Act (Cap. 549); Extended Producer Responsibility (Fishing Gear Containing Plastic) Regulations, 2025.

L.N. 132 of 2025: Regulator for Energy and Water Services Act (Cap. 545); Electricity (Amendment) Regulations, 2025.

L.N. 133 of 2025: Trusts and Trustees Act (Cap. 331); Trusts and Trustees Act (Register of Beneficial Owners) (Amendment) Regulations, 2025.

L.N. 134 of 2025: Animal Welfare Act (Cap. 439); Owning and Keeping of Dangerous Animals (Amendment No. 2) Regulations, 2025.

L.N. 135 of 2025: Animal Welfare Act (Cap. 439); Emergency Euthanasia of Animals (Amendment) Regulations, 2025.

L.N. 136 of 2025: Animal Welfare Act (Cap. 439); Keeping of Animals in Zoos (Amendment) Regulations, 2025.

15th July, 2025

**Nru. 1102**

## NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FI FLEUR-DE-LYS, BIRKIRKARA

**Emendi**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 231 tal-20 ta' Marzu, 2000, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Birkirkara', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

**No. 1102**

## NUMBERING OF DOORS AT FLEUR-DE-LYS, BIRKIRKARA

**Amendments**

WITH reference to Government Notice No. 231 dated 20th March, 2000, under the title 'Renumbering of doors at Birkirkara', the following amendments in **bold** should be made.

**FLEUR-DE-LYS, BIRKIRKARA**

**23. TRIQ IL-FNIEK**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Salvu Psaila

*Left side entering from Triq Salvu Psaila*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Salvu Psaila

*Right side entering from Triq Salvu Psaila*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| Garaxx | 6 |
| Garaxx | 8 |
| Tony House | 10 |
| Charlen | 12 |

għandhom jinqraw
*should read*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| 6 (Garaxx) | 6 |
| **10, Bonneville (Flettijiet)** | **8** |
| **Garaxx** | **10** |
| **Garaxx** | **10A** |
| **Garaxx** | **10B** |
| 12, Charlen | 12 |

Il-15 ta' Lulju, 2025

15th July, 2025

**Nru. 1103**

## NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-ĦAMRUN

**Emendi**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 281 tat-3 ta' April, 1998, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Ħamrun', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

**No. 1103**

## NUMBERING OF DOORS AT IL-ĦAMRUN

**Amendments**

WITH reference to Government Notice No. 281 dated 3rd April, 1998, under the title 'Renumbering of doors at Il-Ħamrun', the following amendments in **bold** should be made.

**IL-ĦAMRUN**

**29. TRIQ L-GĦASAFAR**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Giovanni Barbara

*Left side entering from Triq Giovanni Barbara*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| Carmar | 31 |
| Sit bla bini | 33 |

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Giovanni Barbara

*Right side entering from Triq Giovanni Barbara*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|---|---|
| Sit bla bini | 35 | | |
| Sit bla bini | 37 | | |
| Sit bla bini | 39 | | |
| Sit bla bini | 41 | | |
| Sit bla bini | 43 | | |
| Garaxx | 45 | | |
| Garaxx | 47 | | |

għandhom jinqraw
*should read*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|---|---|
| 31, Carmar | 31 | | |
| **Daħla għall-garaxxijiet** | **33** | | |
| **Garaxx** | **35** | | |
| **Garaxx** | **37** | | |
| **Spencer Store (Ħanut)** | **39** | | |
| **Garaxx** | **41** | | |
| **Garaxx** | **43** | | |
| Garaxx | 45 | | |
| Garaxx | 47 | | |

Il-15 ta' Lulju, 2025

**Nru. 1104**

**NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'Ħ'ATTARD**

**Emendi**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 383 tat-13 ta' Mejju, 1998, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħ'Attard', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

15th July, 2025

**No. 1104**

**NUMBERING OF DOORS AT Ħ'ATTARD**

**Amendments**

WITH reference to Government Notice No. 383 dated 13th May, 1998, under the title 'Renumbering of doors at Ħ'Attard', the following amendments in **bold** should be made.

**Ħ'ATTARD**

**8. TRIQ IL-BLANZUNI**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Linja

*Left side entering from Triq il-Linja*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Linja

*Right side entering from Triq il-Linja*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| Palak | 4 |
| Baccara | 6 |
| Garage | 8 |
| Garage | 10 |
| Yukka | 12 |

għandhom jinqraw
*should read*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| 4, Palak | 4 |
| **6/6B (Grada)** | **6** |

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| **8, Mirelle** | **8** |
| 10 (Garaxx) | 10 |
| 12, Yukka | 12 |

Il-15 ta' Lulju, 2025

**Nru. 1105**

**NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'Ħ'ATTARD**

**Emendi**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 844 tat-13 ta' Awwissu, 2010, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħ'Attard', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

15th July, 2025

**No. 1105**

**NUMBERING OF DOORS AT Ħ'ATTARD**

**Amendments**

WITH reference to Government Notice No. 844 dated 13th August, 2010, under the title 'Renumbering of doors at Ħ'Attard', the following amendments in **bold** should be made.

**Ħ'ATTARD**

**1. TRIQ IL-GRADILJA**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Pitkali

*Left side entering from Triq il-Pitkali*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Pitkali

*Right side entering from Triq il-Pitkali*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| Madonnina | 2 |
| Il-Ħolma | 4 |

għandhom jinqraw
*should read*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| **Bieb bla numru** | **2** |
| **2, Madonnina** | **2A** |
| 4, Il-Ħolma | 4 |

Il-15 ta' Lulju, 2025

**Nru. 1106**

**NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'Ħ'ATTARD**

**Emendi**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 535 tal-21 ta' Mejju, 2010, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħ'Attard', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

15th July, 2025

**No. 1106**

**NUMBERING OF DOORS AT Ħ'ATTARD**

**Amendments**

WITH reference to Government Notice No. 535 dated 21st May, 2010, under the title 'Renumbering of doors at Ħ'Attard', the following amendments in **bold** should be made.

**Ħ'ATTARD**

**1. TRIQ IL-LINJA**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq San Anton

*Left side entering from Triq San Anton*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq San Anton

*Right side entering from Triq San Anton*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| Garaxx | 128 |

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|---|---|
| | | Ħanut | 130 |
| | | Ħanut | 132 |
| | | Ħanut | 134 |
| | | Garaxx | 136 |
| | | Garaxx | 138 |
| | | Garaxx | 140 |
| | | Garaxx | 142 |
| | | Garaxx | 144 |
| | | Garaxx | 146 |
| | | Garaxx | 148 |
| | | Fiesole | 150 |
| | | Holupka | 152 |

għandhom jinqraw
*should read*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|---|---|
| | | 128 (Garaxx) | 128 |
| | | 130, **Happy Pet Grooming (Ħanut)** | 130 |
| | | 132, **Juneberry Boutique (Ħanut)** | 132 |
| | | 134, **DC Designer Collection (Ħanut)** | 134 |
| | | 136, **Stranje (Ħanut)** | 136 |
| | | **5, GB Partners (Uffiċċju)** | **138** |
| | | **Onika (Uffiċċju)** | **140** |
| | | **VIP Hair Studio (Ħanut)** | **140A** |
| | | **MA 2, Dahlia Real Estate (Uffiċċju)** | **140B** |
| | | **Claverdon Court, Blk A** | **142** |
| | | **MA 1** | **144** |
| | | **M&J (Ħanut)** | **146** |
| | | **Nailestetix (Ħanut)** | **148** |
| | | **Daħla għall-garaxxijiet** | **148A** |
| | | 150, **Il-Kenn** | 150 |
| | | 152, Holupka | 152 |

Il-15 ta' Lulju, 2025

**Nru. 1107**

**NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'Ħ'ATTARD**

**Emendi**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 383 tat-13 ta' Mejju, 1998, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħ'Attard', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

15th July, 2025

**No. 1107**

**NUMBERING OF DOORS AT Ħ'ATTARD**

**Amendments**

WITH reference to Government Notice No. 383 dated 13th May, 1998, under the title 'Renumbering of doors at Ħ'Attard', the following amendments in **bold** should be made.

**Ħ'ATTARD**

**70. TRIQ IS-SEDQA**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Gradilja

*Left side entering from Triq il-Gradilja*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| 22, Castelmar | 1 |

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Gradilja

*Right side entering from Triq il-Gradilja*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|---|---|
| Garaxx | 3 | | |
| 21 | 5 | | |

għandhom jinqraw
*should read*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|---|---|
| **Bieb bla numru** | **1** | | |
| **Bieb bla numru** | **1A** | | |
| **Bieb bla numru** | **3** | | |
| **Daħla għall-garaxxijiet** | **3A** | | |
| 5 | 5 | | |

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|---|---|
| Shantighar, Dar il-Paċi | 21 | Garaxx | 28 |
| Garaxx | 23 | Garaxx | 30 |
| Madian House | 25 | Sit bla bini | 32 |
| Garaxx | 27 | Sit bla bini | 34 |
| Garaxx | 29 | Sit bla bini | 36 |
| L'Ancre | 31 | Sit bla bini | 38 |
| | | Garaxx | 40 |
| | | Milord Tracy | 42 |
| | | Garaxx | 44 |
| | | Bini qed jinbena (Dar) | 46 |
| | | Azalea | 48 |

għandhom jinqraw
*should read*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|---|---|
| 21, Shantighar | 21 | 28 (Garaxx) | 28 |
| 23 (Garaxx) | 23 | 30 | 30 |
| **Bieb bla numru** | **25** | **32 (Garaxx)** | **32** |
| 27 (Garaxx) | 27 | **Garaxx** | **34** |
| 29 (Garaxx) | 29 | **Bieb bla numru** | **36** |
| 31 | 31 | **Garaxx** | **38** |
| | | **Milord Tracy (Flettijiet)** | **40** |
| | | **Garaxx** | **42** |
| | | **Bieb bla numru** | **44** |
| | | 48 | 48 |

** In-numru 46 mhux se jintuża peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm mibni oriġinarjament.*

Il-15 ta' Lulju, 2025 15th July, 2025

**Nru. 1108**

**NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'TAL-PIETÀ**

**Emendi**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 598 tal-31 ta' Lulju, 1998, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Tal-Pietà', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

**No. 1108**

**NUMBERING OF DOORS AT TAL-PIETÀ**

**Amendments**

WITH reference to Government Notice No. 598 dated 31st July, 1998, under the title 'Renumbering of doors at Tal-Pietà', the following amendments in **bold** should be made.

**TAL-PIETÀ**

**8. TRIQ SAN ĠUŻEPP**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq San Luqa

*Left side entering from Triq San Luqa*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| 23 | 47 |
| Garaxx | 49 |
| 24 | 51 |
| 25 | 53 |
| 26, Calypso | 55 |
| Bieb bla numru (Dar) | 57 |

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq San Luqa

*Right side entering from Triq San Luqa*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|

għandhom jinqraw
*should read*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| 47 | 47 |
| **Daħla għall-garaxxijiet** | **49** |
| **Bieb bla numru** | **51** |
| **53 (Flettijiet)** | **53** |
| **55, Nolyx** | **55** |
| 57 | 57 |

Il-15 ta' Lulju, 2025

15th July, 2025

**Nru. 1109**

**NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIS-SIĠĠIEWI**

**Emenda**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 632 tas-27 ta' Awwissu, 1999, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fis-Siġġiewi', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

**No. 1109**

**NUMBERING OF DOORS AT IS-SIĠĠIEWI**

**Amendment**

WITH reference to Government Notice No. 632 dated 27th August, 1999, under the title 'Renumbering of doors at Is-Siġġiewi', the following amendment in **bold** should be made.

**IS-SIĠĠIEWI**

**47. TRIQ TAL-PROVIDENZA**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq it-Tabib Nikol Zammit

*Left side entering from Triq it-Tabib Nikol Zammit*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| Comet | 33 |

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq it-Tabib Nikol Zammit

*Right side entering from Triq it-Tabib Nikol Zammit*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|---|---|
| Budgies | 35 | | |

għandha tinqara
*should read*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|---|---|
| 33, Comet | 33 | | |
| **Bieb bla numru (Flettijiet)** | **35** | | |

Il-15 ta' Lulju, 2025

**Nru. 1110**

**ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)**

**Avviż skont l-Artikolu 61(1)**

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 61 (1) tal-Att dwar it-taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana b'dan jgħarraf lill-persuni msemmija aktar 'l isfel biex imorru fid-Dipartiment tal-Capital Transfer Duty, 63, Triq Żekka, Il-Belt Valletta, sabiex jiġbru l-avvizi magħmula fuqhom.

15th July, 2025

**No. 1110**

**DUTY ON DOCUMENTS AND TRANSFERS ACT (CAP. 364)**

**Notice in terms of Article 61(1)**

IN Terms of the proviso to article 61 (1) of the Duty on Documents and Transfer Act, the Commissioner for Tax and Customs hereby notifies the persons listed hereunder to call at the Capital Transfer Duty Department, 63, Triq Żekka, Valletta, to collect the notices made on such persons.

| Isem<br>*Name* | Karta tal-Identità<br>*ID Number* | Numru tat-Talba<br>*Claim Number* |
|---|---|---|
| Mizzi Amanda | 590877M | IV 161338 |
| Scicluna Mario | 193485M | IV 161394 |
| Abela Johnaton | 376185M | IV 161493 |
| Fenech Ramon | 544185M | IV 161522 |
| Aquilina Neil | 468586M | IV 161536 |
| Camilleri Sabrina | 351281M | IV 160879 |
| Pace Joseph | 259075M | IV 161188 |
| Zammit Christian | 452290M | IV 161331 |
| Camilleri Dominique | 91766M | IV 157803 |
| Degiorgio Filippa | 647859M | IV 161457 |
| Galea George | 41573M | IV 159330 |
| Ciappara Anthony | 9970M | IV 160981 |
| Salt Grahame | 356775M | IV 162084 |
| Farrugia Renald | 414778M | IV 162102 |
| Bonnici Jeremy Paul | 39473M | IV 162103 |
| Orsini Graziella | 297591M | IV 160894 |
| Xuereb Restrepo Sanchez Alfred | 138379M | IV 161445 |
| Huang Kexin | 890189525 | IV 160856 |
| Chan Chunwen sive Brian | 892160123 | IV 158539 |
| Formosa Michael Donald | 892521835 | IV 161268 |
| Bruscoli Davide | 892114135 | IV 161284 |

| Isem<br>*Name* | Karta tal-Identità<br>*ID Number* | Numru tat-Talba<br>*Claim Number* |
|---|---|---|
| Tapa Limited | Roc. No. C12391 | IV 161334 |
| Landspec Investments Limited | Roc. No. C103237 | IV 161184 |
| K & M Contractors Limited | Roc. No. C39982 | IV 160812 |
| Deluxe Properties Limited | Roc. No. C63762 | IV 160409 |
| Lakshmi Limited | Roc. No. C88302 | IV 161511 |
| Mousu Anne Agnes | 139936M | CM 059685 |
| Caruana Mary | 441138M | CM 058335 |
| Bugeja Joanne | 290386M | CM 059176 |
| Sapiano Georg | 71568M | CM 043541 |
| Campbell Joseph Stephen | Pass. No. 542302313 | CM 059746 |
| Pisani Maria Assunta | 27055G | CM 043646 |
| Dowling James | 486147M | CM 059875 |
| D'Amato John | 346178M | CM 059877 |
| Battistino Victor | 402466M | CM 043637 |
| Borg Josephine | 231246M | CM 059806 |

Il-15 ta' Lulju, 2025

**Nru. 1111**

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET**

**Notifika ta' Affissjoni ta' Avviż**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont ir-Regolament Nru. 10 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 573.06, twaħħal avviż fuq l-artijiet hawn taħt indikati li permezz tal-istess affissjoni, il-koinkwilini ġja rikonoxxuti in solidum qegħdin jiġu notifikati dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjoni li saret fuq l-istess art minn koinkwilini oħra. L-applikant huwa responsabbli li jiżgura li l-avviż jibqa' hekk imwaħħal fuq il-post għal ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tat-twaħħil.

F'każ li l-avviż jitneħħa minn kwalunkwe persuna qabel l-iskadenza tal-perjodu indikat, l-applikant għandu jikkuntattja lill-Awtorità tal-Artijiet fuq (enforcement.la@landsauthority.org.mt), sabiex l-avviż jerġa' jitwaħħal fuq il-post.

15th July, 2025

**No. 1111**

**LANDS AUTHORITY**

**Notification of Affixation of Notice**

IT is notified for general information that in terms of Regulation No. 10 of Subsidiary Legislation 573.06, a notice has been affixed on the hereunder indicated sites informing co-tenants recognised in solidum with the submission of the application that has been made by other co-tenants on the same land. Applicant is responsible to ensure that the notice is to remain affixed on site for five (5) working days from the date of affixation.

If the notice is removed by third parties prior to the expiry of such date, the applicant must contact the Lands Authority on (enforcement.la@landsauthority.org.mt), so that the notice is re-affixed on site.

Il-15 ta' Lulju, 2025

15th July, 2025

| Nru. tal-Applikazzjoni<br>*Application No.* | Nru. tal-Proprjetà/Tenement<br>*Property/Tenement No.* | Deskrizzjoni tal-Proprjetà<br>*Property Description* | Talba<br>*Request* |
|---|---|---|---|
| AGRI 1/2025/0349 | Z50279 | Farm Ġnien is-Sultan 7th Portion, Sannat, Gozo, Malta | Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer |
| AGRI 1/2025/0389 | Z50238-11 | Farm Qasam San Ġorġ 5th Portion, Kerċem, Gozo, Malta | Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer |

**Nru. 1112**

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET**

**Notifika ta' Affissjoni ta' Avviż**
**(Deceased Applicant)**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont ir-Regolament Nru. 10 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 573.06, twaħħal avviż fuq l-artijiet hawn taħt indikati li permezz tal-istess affissjoni, il-koinkwilini ġja rikonoxxuti in solidum qegħdin jiġu notifikati dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjoni li saret fuq l-istess art minn koinkwilini oħra. L-applikant huwa responsabbli li jiżgura li l-avviż jibqa' hekk imwaħħal fuq il-post għal ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tat-twaħħil.

F'każ li l-avviż jitneħħa minn kwalunkwe persuna qabel l-iskadenza tal-perjodu indikat, l-applikant għandu jikkuntattja lill-Awtorità tal-Artijiet fuq (enforcement.la@landsauthority.org.mt), sabiex l-avviż jerġa' jitwaħħal fuq il-post.

Il-15 ta' Lulju, 2025

**No. 1112**

**LANDS AUTHORITY**

**Notification of Affixation of Notice**
**(Deceased Applicant)**

IT is notified for general information that in terms of Regulation No. 10 of Subsidiary Legislation 573.06, a notice has been affixed on the hereunder indicated sites informing co-tenants recognised in solidum with the submission of the application that has been made by other co-tenants on the same land. Applicant is responsible to ensure that the notice is to remain affixed on site for five (5) working days from the date of affixation.

If the notice is removed by third parties prior to the expiry of such date, the applicant must contact the Lands Authority on (enforcement.la@landsauthority.org.mt), so that the notice is re-affixed on site.

15th July, 2025

| Nru. tal-Applikazzjoni<br>*Application No.* | Nru. tal-Proprjetà/Tenement<br>*Property/Tenement No.* | Deskrizzjoni tal-Proprjetà<br>*Property Description* | Talba<br>*Request* |
|---|---|---|---|
| J/0037/2002/I/174 | J03312 | Raba', Mejjieli, Mellieħa, Mellieħa, Malta | Processing of agricultural land scheme application - deceased applicant |
| J/0037/2002/I/0178 | J03356 | Raba', Il-Miżieb, l/o Mellieħa, Mellieħa, Malta | Processing of agricultural land scheme application - deceased applicant |
| J/0037/2002/I/21 | J03310 | Raba', Miżieb ir-Riħ, Mellieħa, Mellieħa, Malta | Processing of agricultural land scheme application - deceased applicant |
| J/0037/2002/I/0042 | J03438 | Raba', Miżieb ir-Riħ, l/o Mellieħa, Mellieħa, Malta | Processing of agricultural land scheme application - deceased applicant |
| J/0025/2002/I/0141 | J03611 | Raba' Tas-Sefer, Għasri, Gozo, Malta | Processing of agricultural land scheme application - deceased applicant |
| J/0025/2002/I/0119 | N/A | Raba' Ta' Kangla, Għasri, Gozo, Malta | Processing of agricultural land scheme application - deceased applicant |

**Nru. 1113**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

| Data | Deheb Pur<br>Gramma | Fidda Pura<br>Gramma |
|---|---|---|
| *Date* | *Pure Gold*<br>*Grams* | *Pure Silver*<br>*Grams* |
| 15.7.2025 | €92.141 | €1.033 |

Il-15 ta' Lulju, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 157**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Ħal Qormi**

Mis-1.00 a.m. tal-Ħadd, 13 ta' Lulju, 2025 sa nofsillejl tal-Ħadd, 20 ta' Lulju, 2025, minn Triq il-Knisja Arċipretali (se jkun hemm clearance tal-parkeġġ quddiem il-knisja parrokkjali ta' San Bastjan).

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar il-Erbgħa, 16 ta' Lulju, 2025, mill-4.00 p.m. sas-1.00 a.m., minn Triq San Bastjan minn Triq San Ġużepp sa Triq l-Armier.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance;

Nhar il-Ħamis, 17 ta' Lulju, 2025, mill-4.00 p.m. sas-1.00 a.m., minn Triq San Bastjan minn Triq San Ġużepp sa Triq l-Armier.

**No. 1113**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

15th July, 2025

POLICE NOTICE

**No. 157**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

**Ħal Qormi**

From 1.00 a.m. of Sunday, 13th July, 2025 to midnight of Sunday, 20th July, 2025, through Triq il-Knisja Arċipretali (parking in front of Saint Sebastian parish church will be cleared).

Public transport will not be affected;

On Wednesday, 16th July, 2025, from 4.00 p.m. to 1.00 a.m., through Triq San Bastjan from Triq San Ġużepp to Triq l-Armier.

Public transport will be affected.

Clearance is required;

On Thursday, 17th July, 2025, from 4.00 p.m. to 1.00 a.m., through Triq San Bastjan from Triq San Ġużepp to Triq l-Armier.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance;

Minn nofsinhar tal-Ħamis, 17 ta' Lulju, 2025 sa nofsillejl tal-Ħadd, 20 ta' Lulju, 2025, minn Triq il-Granmastru (Tribuna) minn Triq Dun Ġino Mangion sa Pjazza Narbona.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance.

**Ħaż-Żebbuġ**

Mis-6.00 a.m. tas-Sibt, 19 ta' Lulju, 2025 sal-11.59 p.m. tat-Tnejn, 28 ta' Lulju, 2025, minn Misraħ San Filippu bejn il-knisja arċipretali u r-roundabout tas-salib.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance quddiem il-knisja;

Minn nofsinhar tal-Ħadd, 20 ta' Lulju, 2025 sa nofsillejl tal-Ħadd, 27 ta' Lulju, 2025, minn Misraħ San Filippu, Triq Sciortino mill-Golden Lion saż-Żebbuġ Stationery, iż-żewġ naħat direzzjoni lejn Misraħ San Filippu, Triq il-Kbira direzzjoni lejn Misraħ San Filippu mill-kantuniera ma' Triq Frans Sammut.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance;

Nhar it-Tnejn, 21 ta' Lulju, 2025, mis-1.00 p.m. sal-11.59 p.m., minn Misraħ San Filippu.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance;

Nhar it-Tlieta, 22 ta' Lulju, 2025, mis-6.00 p.m. san-00.30 a.m., minn Misraħ San Filippu, Triq il-Kbira, Triq id-Duluri, Triq Dun Mikiel Xerri, Triq Frans Sammut, Triq Paris, Triq Lazzru Pisani, Triq Santu Rokku, Triq De Rohan u Triq l-Isqof.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku mhux se jkun devjat;

Nhar il-Ħamis, 24 ta' Lulju, 2025, mis-6.00 p.m. san-00.30 a.m., minn Misraħ San Filippu, Triq il-Kbira, Triq il-Grazzja, Triq Sidtna tal-Anġli, Triq San Ġużepp, Triq il-Parroċċa, Triq il-Knisja u Triq Sant'Antnin.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku mhux se jkun devjat;

Public transport will be affected.

Clearance is required;

From noon of Thursday, 17th July, 2025 to midnight of Sunday, 20th July, 2025, through Triq il-Granmastru (Tribuna) from Triq Dun Ġino Mangion to Pjazza Narbona.

Public transport will not be affected.

Clearance is required.

**Ħaż-Żebbuġ**

From 6.00 a.m. of Saturday, 19th July, 2025 to 11.59 p.m. of Monday, 28th July, 2025, through Misraħ San Filippu between the archpriestial church and the cross roundabout.

Public transport will not be affected.

Clearance is required in front of the church;

From noon of Sunday, 20th July, 2025 to midnight of Sunday, 27th July, 2025, through Misraħ San Filippu, Triq Sciortino from the Golden Lion to Żebbuġ Stationery, both sides direction towards Misraħ San Filippu and Triq il-Kbira direction towards Misraħ San Filippu from the corner with Triq Frans Sammut.

Public transport will not be affected.

Clearance is required;

On Monday, 21st July, 2025, from 1.00 p.m. to 11.59 p.m., through Misraħ San Filippu.

Public transport will not be affected.

Clearance is required;

On Tuesday, 22nd July, 2025, from 6.00 p.m. to 00.30 a.m., through Misraħ San Filippu, Triq il-Kbira, Triq id-Duluri, Triq Dun Mikiel Xerri, Triq Frans Sammut, Triq Paris, Triq Lazzru Pisani, Triq Santu Rokku, Triq De Rohan and Triq l-Isqof.

Closure of streets will take place as required and public transport will not be diverted;

On Thursday, 24th July, 2025, from 6.00 p.m. to 00.30 a.m., through Misraħ San Filippu, Triq il-Kbira, Triq il-Grazzja, Triq Sidtna tal-Anġli, Triq San Ġużepp, Triq il-Parroċċa, Triq il-Knisja and Triq Sant'Antnin.

Closure of streets will take place as required and public transport will not be diverted;

Nhar is-Sibt, 26 ta' Lulju, 2025, mis-6.00 p.m. san-00.30 a.m., minn Triq il-Kbira (Bieb De Rohan), Misraħ San Filippu u Triq Sciortino.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar il-Ħadd, 27 ta' Lulju, 2025, mis-7.30 a.m. sal-4.00 p.m., minn Triq il-Kbira, il-kappella tal-Lunzjata, Triq il-Mitħna, Triq Fra Ferd Mattei, Triq Franġisk Zahra, Triq F. Farrugia, Triq il-Grazzja, Triq Vilhena, Triq l-Anġlu, Triq il-Knisja, Triq Sant'Antnin u Misraħ San Filippu.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku mhux se jkun devjat;

Nhar il-Ħadd, 27 ta' Lulju, 2025, mill-5.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq il-Kbira (Coronation Bar) u Misraħ San Filippu.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance;

Nhar il-Ħadd, 27 ta' Lulju, 2025, mill-4.00 p.m. sa nofsillejl, minn Misraħ San Filippu, Triq Sant'Antnin, Triq Mamo, Triq il-Kbira u Triq l-Isqof.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance;

Minn nofsinhar tas-Sibt, 2 ta' Awwissu, 2025 sas-2.00 a.m. tal-Ħadd, 3 ta' Awwissu, 2025, minn Misraħ San Filippu.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance.

**Il-Ħamrun**

Nhar il-Ħadd, 27 ta' Lulju, 2025, mit-7.45 p.m. sal-9.45 p.m., minn Triq Joseph Abela Scolaro (ħdejn l-iskola ta' Maria Assunta).

L-għeluq tat-triq se jsir skont il-bżonn.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

**L-Imqabba**

Mill-5.00 a.m. tal-Ġimgħa, l-1 ta' Awwissu, 2025, sa nofsillejl tas-Sibt, 16 ta' Awwissu, 2025, mill-pjazza tal-knisja u Triq il-Madonna tal-Ġilju;

Nhar il-Ħamis, 7 ta' Awwissu, 2025, mill-5.00 p.m. sal-10.00 p.m., mill-pjazza tal-knisja, Triq San Bażilju, Sqaq

On Saturday, 26th July, 2025, from 6.00 p.m. to 00.30 a.m., through Triq il-Kbira (Bieb De Rohan), Misraħ San Filippu and Triq Sciortino.

Public transport will not be affected;

On Sunday, 27th July, 2025, from 7.30 a.m. to 4.00 p.m., through Triq il-Kbira, Tal-Lunzjata's chapel, Triq il-Mitħna, Triq Fra Ferd Mattei, Triq Franġisk Zahra, Triq F. Farrugia, Triq il-Grazzja, Triq Vilhena, Triq l-Anġlu, Triq il-Knisja, Triq Sant'Antnin and Misraħ San Filippu.

Closure of streets will take place as required and public transport will not be diverted;

On Sunday, 27th July, 2025, from 5.00 p.m. to midnight, through Triq il-Kbira (Coronation Bar) and Misraħ San Filippu.

Public transport will not be affected.

Clearance is required;

On Sunday, 27th July, 2025, from 4.00 p.m. to midnight, through Misraħ San Filippu, Triq Sant'Antnin, Triq Mamo, Triq il-Kbira and Triq l-Isqof.

Public transport will not be affected.

Clearance is required;

From noon of Saturday, 2nd August, 2025 to 2.00 a.m. of Sunday, 3rd August, 2025, through Misraħ San Filippu.

Public transport will not be affected.

Clearance is required.

**Ħamrun**

On Sunday, 27th July, 2025, from 7.45 p.m. and 9.45 p.m., through Triq Joseph Abela Scolaro (near Maria Assunta's school).

Closure of street will take place as required.

Public transport will be affected.

**Mqabba**

From 5.00 a.m. of Friday, 1st August, 2025, to midnight of Saturday, 16th August, 2025, through the church's square and Triq il-Madonna tal-Ġilju;

On Thursday, 7th August, 2025, from 5.00 p.m. to 10.00 p.m., through the church's square, Triq San Bażilju, Sqaq

l-Isptar, Triq Mikelanġ Sapiano, Triq San Innoċenzu u Triq Santa Katarina;

Mill-5.00 p.m. tas-Sibt, 9 ta' Awwissu, 2025 sas-2.00 a.m. tal-Ħadd, 10 ta' Awwissu, 2025, mill-pjazza tal-knisja, Triq San Bażilju, Triq Santa Katarina, Triq il-Pall, Triq it-Troll, Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq id-Duluri u Triq il-Parroċċa;

Mill-5.00 p.m. tal-Ħadd, 10 ta' Awwissu, 2025 sas-2.00 a.m. tat-Tnejn, 11 ta' Awwissu, 2025, minn Triq il-Parroċċa, Triq San Bażilju u l-pjazza tal-knisja;

Mill-5.00 p.m. tat-Tnejn, 11 ta' Awwissu, 2025 sas-2.00 a.m. tat-Tlieta, 12 ta' Awwissu, 2025, mill-pjazza tal-knisja, Triq Karmenu Ciantar, Triq in-Nazzarenu, Triq Dun Ġeraldu Mangion, Triq il-Katakombi, Triq Ħal Kirkop, Triq Santa Katarina, Triq ix-Xriek, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq id-Duluri, Triq il-Parroċċa u Triq San Bażilju;

Mis-6.00 p.m. tat-Tnejn, 11 ta' Awwissu, 2025 sa nofsillejl tal-Ġimgħa, 15 ta' Awwissu, 2025, minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, inkluż is-service road;

Mill-5.00 p.m. tat-Tlieta, 12 ta' Awwissu, 2025 sas-2.00 a.m. tal-Erbgħa, 13 ta' Awwissu, 2025, mill-pjazza tal-knisja, Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija (service road), Triq il-Barrieri, Triq il-Ħarriġiet, Misraħ il-Fidwa, Triq San Mikiel u Triq San Bażilju;

Mill-5.00 p.m. tal-Erbgħa, 13 ta' Awwissu, 2025 sas-2.00 a.m. tal-Ħamis, 14 ta' Awwissu, 2025, mill-pjazza tal-knisja, quddiem il-każin tal-Ġilju, Triq Santa Katarina, Triq il-Kileb, Triq iċ-Ċavi, Triq Mikelanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar, Triq Karmenu Ciantar, Triq id-9 ta' April, 1942, Triq San Mikiel u Triq San Bażilju;

Mit-3.00 p.m. tal-Ħamis, 14 ta' Awwissu, 2025, sas-2.00 a.m. tal-Ġimgħa, 15 ta' Awwissu, 2025, minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija inkluż is-service road, il-pjazza tal-knisja, Triq Karmenu Ciantar, Triq id-Duluri and Triq il-Parroċċa;

Nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Awwissu, 2025, mit-8.00 a.m. sal-5.00 p.m., minn Triq San Bażilju, Triq il-Belt Valletta, Triq il-Fjuri u Triq il-Parroċċa;

Mill-5.00 p.m. tal-Ġimgħa, 15 ta' Awwissu, 2025, sat-3.00 a.m. tas-Sibt, 16 ta' Awwissu, 2025, mill-pjazza tal-knisja, Triq id-Duluri, Triq il-Parroċċa, Triq San Bażilju, Triq il-Belt Valletta u Triq il-Fjuri.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-15 ta' Lulju, 2025

l-Isptar, Triq Mikelanġ Sapiano, Triq San Innoċenzu and Triq Santa Katarina;

From 5.00 p.m. of Saturday, 9th August, 2025 to 2.00 a.m. of Sunday, 10th August, 2025, through the church's square, Triq San Bażilju, Triq Santa Katarina, Triq il-Pall, Triq it-Troll, Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq id-Duluri and Triq il-Parroċċa;

From 5.00 p.m. of Sunday, 10th August, 2025 to 2.00 a.m. of Monday, 11th August, 2025, through Triq il-Parroċċa, Triq San Bażilju and the church's square;

From 5.00 p.m. of Monday, 11th August, 2025 to 2.00 a.m. of Tuesday, 12th August, 2025, through the church's square, Triq Karmenu Ciantar, Triq in-Nazzarenu, Triq Dun Ġeraldu Mangion, Triq il-Katakombi, Triq Ħal Kirkop, Triq Santa Katarina, Triq ix-Xriek, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq id-Duluri, Triq il-Parroċċa and Triq San Bażilju;

From 6.00 p.m. of Monday, 11th August, 2025 to midnight of Friday, 15th August, 2025, through Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, including the service road;

From 5.00 p.m. of Tuesday, 12th August, 2025 to 2.00 a.m. of Wednesday, 13th August, 2025, through the church's square, Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija (service road), Triq il-Barrieri, Triq il-Ħarriġiet, Misraħ il-Fidwa, Triq San Mikiel and Triq San Bażilju;

From 5.00 p.m. of Wednesday, 13th August, 2025 to 2.00 a.m. of Thursday, 14th August, 2025, through the church's square, in front of tal-Ġilju's club, Triq Santa Katarina, Triq il-Kileb, Triq iċ-Ċavi, Triq Mikelanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar, Triq Karmenu Ciantar, Triq id-9 ta' April, 1942, Triq San Mikiel and Triq San Bażilju;

From 3.00 p.m. of Thursday, 14th August, 2025, to 2.00 a.m. of Friday, 15th August, 2025, through Triq il-Konvoj ta' Santa Marija including service road, the church's square, Triq Karmenu Ciantar, Triq id-Duluri and Triq il-Parroċċa;

On Friday, 15th August, 2025, from 8.00 a.m. to 5.00 p.m., through Triq San Bażilju, Triq il-Belt Valletta, Triq il-Fjuri and Triq il-Parroċċa;

From 5.00 p.m. of Friday, 15th August, 2025, to 3.00 a.m. of Saturday, 16th August, 2025, through the church's square, Triq id-Duluri, Triq il-Parroċċa, Triq San Bażilju, Triq il-Belt Valletta and Triq il-Fjuri.

Public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

15th July, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 158**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

**Ħaż-Żabbar**

Nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Lulju, 2025, mill-5.00 p.m. sa nofsillejl, minn Misraħ is-Sliem.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-15 ta' Lulju, 2025

POLICE NOTICE

**No. 158**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

**Ħaż-Żabbar**

On Friday, 25th July, 2025, from 5.00 p.m. to midnight, through Misraħ is-Sliem.

Public transport will not be affected.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

15th July, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 159**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**San Pawl il-Baħar**

Nhar il-Ħamis, 24 ta' Lulju, 2025, mill-4.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn 62, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar (clearance ta' erba' (4) spazji ta' parkeġġ).

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-15 ta' Lulju, 2025

POLICE NOTICE

**No. 159**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

**Saint Paul's Bay**

On Thursday, 24th July, 2025, from 4.00 p.m. to 9.00 p.m., through 62, Triq San Pawl, St Paul's Bay (clearance of four (4) parking spaces).

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

15th July, 2025

TRANSPORT MALTA

**Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 111 tal-2025**

*Wirja tan-Nar – Festa ta' San Ġużepp – il-Kalkara – 2025*

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li se jinħaraq logħob tan-nar minn Kalkara Creek (punt A), Rinella Bay (punt B) u tul il-linja X sa Y, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), mill-pożizzjonijiet approssimattivi fid-dati u l-ħinijiet kif ġej:

| *Pożizzjoni* | *Latitudni (T)* | *Longitudni (L)* |
|---|---|---|
| A | 35° 53'.293 | 014° 31'.560 |
| B | 35° 53'.582 | 014° 31'.610 |
| X | 35° 53'.328 | 014° 31'.509 |
Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 11th July, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1788

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-4 ta' April, 2024, fuq talba ta' Anthony Ghirxi et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw sidien mhux magħrufa, fl-atti taċ-ċedola numru 732/2024 fl-ismijiet Anthony Ghirxi et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 732/2024 fl-ismijiet Anthony Ghirxi (KI 0804657M) pensjonant, iben Joseph u Josephine née Galea, imwieled u residenti Birkirkara u Anna Maria Ghirxi née Vella (KI 0256059M), mara tad-dar, bint Joseph Vella u Pauline née Portelli, imwielda Tal-Pietà u residenti Birkirkara vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw sidien mhux magħrufa, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-3 ta' April, 2024, fejn Anthony Ghirxi (KI 0804657M) u Anna Maria Ghirxi née Vella (KI 0256059M) esponew bir-rispett:

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 4th April, 2024, following a request by Anthony Ghirxi et vs Deputy Curators to represent the unknown owners in the records of the schedule of deposit number 732/2024 in the names Anthony Ghirxi et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent, number 732/2024 in the names of Anthony Ghirxi (ID 0804657M) pensioner, son of Jospeh and Josephine née Galea, born and residing in Birkirkara and Anna Maria Ghirxi née Vella (ID 0256059M) housewife, daughter of Joseph Vella and Pauline née Portelli, born in Tal-Pietà and residing in Birkirkara vs Deputy Curators to represent the unknown owners, filed in the First Hall of the Civil Court on the3rd April, 2024, the applicants Anthony Ghirxi (ID 0804657M) and Anna Maria Ghirxi née Vella (ID 0256059M respectfully submitted:

Illi permezz ta' kuntratt ta' akkwist fl-atti tan-Nutar Dott. Elena Farrugia datat id-9 ta' Jannar, 2012 (li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u esibita u mmarkata bħala Dok. AG1) l-esponenti akkwistaw il-maisonette uffiċjalment immarkat bin-numru 151 ġja numru 198, bl-isem Xavier fi Triq Bwieraq, Birkirkara, mingħand Francis Xavier Attard, liema proprjetà hija indikata bħala suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €1.28;

Illi din l-proprjetà kienet ġiet mixtrija minn Francis Xavier Attard mingħand Joseph Scicluna u dan permezz ta' kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Dott. Joseph Spiteri datat l-24 ta' April, 1961 (li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u esibita u mmarkata bħala Dok. AG2) fejn dan il-mezzanin qiegħed jiġi indikat bħala suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm8 ossija €18.63;

Illi s-sidien direttarji tal-proprjetà inkwistjoni mhumiex magħrufa;

Illi inoltre skont il-kuntratt hawn fuq surreferit u mmarkat Dok. AG2 is-somma ta' Lm2.12,6 ossija s-somma ta' €6.11 għandha tinfeda bir-rata ta' 3% u għalhekk dan iċ-ċens se jiġi mifdi bil-mod segwenti:

is-somma ta' Lm5.40 ekiwivalenti għal €12.58 għandha tiġi kapitalizzata bir-rata ta' 5% skont il-liġi u għalhekk din tammonta għal €251.28,

is-somma ta' Lm2.12,6 ossija s-somma ta' €6.11 għandha tiġi kapitalizzata bir-rata ta' 3% u għalhekk din tammonta għal €203.66;

Illi għalhekk l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà li jagħtuhom l-Artikoli 1501 u 1171 tal-Kodiċi u jifdu dan iċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm8 ekwivalenti għal €18.69 illi kapitalizat bir-rati relattivi jammonta għas-somma komplessiva ta' €454.94;

Illi qegħdin ukoll jiddepożitaw is-somma ta' €93.45 rappreżenanti ħames snin arretrati ta' dan iċ-ċens.

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin umilment jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jgħaddu sabiex jiddepożitaw is-somma komplessiva ta' €548.39 prezz ta' fidi ta' dan iċ-ċens annwu u perpetwu gravanti fuq il-proprjetà de quo kif ukoll l-arretrati relattivi, liema somma għandha tiġi libermaent żbankata mill-intimati illi jirriżulta li għandhom dritt għaliha skont il-liġi wara li tiġi rilaxxata d-debita riċevuta skont il-liġi.

Mittenti: Anthony Ghirxi, 151, Triq il-Bwieraq, Birkirkara

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta
Kuraturi deputati

That by means of a contract of acquisition in the records of Notary Dr Elena Farrugia dated 9th January, 2012 (a copy of which is here attached and exhibited and marked as Doc. AG1) the applicants acquired the maisonette officially marked with number 151 previously number 198, with the name Xavier in Triq Bwieraq, Birkirkara from Francis Xavier Attard, which property is indicated as subject to the annual and perpetual groundrent of €1.28;

That this property was acquired by Francis Xavier Attard from Joseph Scicluna and this by means of a contract of sale in the records of Notary Dr Joseph Spiteri dated 24th April, 1961 (a copy of which is here attached and exhibited and marked as Doc. AG2) whereby this maisonette is being indicated as subject to the annual and perpetual groundrent of Lm8 that is €18.63;

That the direct owners of the property in question are unknown;

That furthermore according to the contract above mentioned and marked Doc. AG2 the sum of Lm2.12,6 or rather the sum of €6.11 is to be redeemed at the rate of 3% and thus this groundrent shall be redeemed in the following manner:

the sum of Lm5.40 equivalent to €12.58 is to be capitalised at the rate of 5% according to law and thus amounts to €251.28,

the sum of Lm2.12,6 or rather the sum of €6.11 should be capitalised at the rate of 3% and thus this amounts to €203.66;

That thus the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by Articles 1501 and 1171 of the Civil Code and redeem this annual and perpetual groundrent of Lm8 equivalent to €18.69 which capitalised at the relative rates amounts to the global sum of €454.94;

That they are also depositing the sum of €93.45 representing five years arrears of this groundrent.

Thus, the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its authority pass on to deposit the total sum of €548.39 redemption price of this annual and perpetual groundrent burdening the property de quo as well as the relative arrears, which sum is to be freely withdrawn by the respondents who results to have a right to it according to law after leaving the due receipt according to law.

Applicant: Anthony Ghirxi, 151, Triq il-Bwieraq, Birkirkara

Notification: Director Public Registry, Valletta
Deputy curators

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Francesco Depasquale, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 4 ta' April, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali.

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Francesco Depasquale, LLD, Doctor of Laws.

Today 4th April, 2024

Registry of the Superior Courts, today 11th July, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1789

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-28 ta' Novembru, 2024, fuq talba ta' Lea Harding ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-werrieta mhux magħrufa ta' Barone Francesco Chappelle fl-atti taċ-ċedola numru 2523/2024 fl-ismijiet Lea Harding vs Kuraturi Deputati fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 2523/2024 ta' Lea Harding (KI 183027M) armla ta' Henry Harding bint il-mejtin Dott. Alessandro Stilon de Piro u Evelyn Stilon de Piro née Bonavia imwielda l-Belt Valletta nhar it-8 ta' Frar, 1937, u residenti Sydney N.S.W. Australia vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw werrieta mhux magħrufa ta' Barone Francesco Chappelle, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-27 ta' Novembru, 2023, fejn Lea Harding (KI 183027M) esponiet bir-rispett:

Illi r-rikorrenti hija proprjetarja tal-appartamenti fi blokk wieħed bin-numri 1, 3, 4, 5, 6, 8, 10, 11, 13 u 14 kollha li għandhom l-entratura prinċipali f'numru 38C, Triq Zekka, Il-Belt Valletta, u kif ukoll il-garaxx bin-numru 44B, fi Triq Zekka, Il-Belt, Valletta, liema proprjetajiet kienu

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 28th November, 2024, following a request by Lea Harding it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown heirs of Baron Francesco Chappelle in the acts of the schedule of deposit number 2523/2024 in the names Lea Harding vs Deputy Curators in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of ground rent number 2523/2024 in the names of Lea Harding (ID 183027M) widow of Henry Harding, daughter of the late Dr Alessandro Stilon de Piro and Evelyn Stilon de Piro née Bonavia, born in Valletta on the 8th February, 1927, and residing at Sydney, N.S.W. Australia vs Deputy Curators to represent the unknown heirs of Baron Francesco Chappelle, filed in the First Hall of the Civil Court on the 27th November, 2024, the applicant Lea Harding (ID 183027M) respectfully submitted:

That the applicant is the owner of the apartments in one block with numbers 1, 3, 4, 5, 6, 8, 10, 11, 13 and 14 all having the main entrance at number 38C, Triq Zekka, Valletta, as well as the garage with number 44B, in Triq Zekka, Valletta, which properties were acquired by Maria

ġew akkwistati minn Maria Giuseppa Harding b'kuntratt ta' diviżjoni datat il-25 ta' Lulju, 1977, fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona hawn anness bħala Dokument A;

Illi l-esponenti kienet l-unika persuna li accettat il-wirt ta' Maria Giuseppa Harding née Farrugia li giet nieqsa fis-27 ta' Lulju 1987 u dan permezz ta' nota fil-Qorti Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja, Digriet Nru 326/2015;

Illi dawn il-proprjetajiet jiffurmaw parti minn blokk ikbar (li kien oriġinarjamnet jikkonsisti f'dar bin-numru 39, fi Triq Zekka u l-mezzanin kontigwu numru 45 fi Triq San Patrizio, fuq liema kien ġie impost ċens annwu u perpetwu ta' Lm72 illum ekwivalenti għal €167.71 pagabbli kull sena lil Barone Francesco Chappelle u dan kif jirriżulta mill-kuntratt pubbliku datat 13 ta' April, 1910, fl-atti tan-Nutar Salvatore Cauchi hawn anness bħala Dokument B;

U billi s-sit huwa suġġett għaċ-ċens huwa dak indikat fis-site plan hawn anness bħala Dokument C;

Illi r-rikorrenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakultà konċess bis-saħħa tal-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tifdi dan iċ-ċens fl-interess kemm tagħha u kif ukoll terzi proprjetarji tal-appartamenti l-oħra;

Illi l-ammont ta' €167.71 kapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal €3,354.20;

Illi in oltre għal kull bon fini u mingħajr preġudizzju għal premess ir-rikorrenti qiegħda tħallas arretrati għal 10 snin fl-ammont ta' €1,118.10.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti qiegħda umilment tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tal-istess tgħaddi sabiex tiddepożita s-somma ta' €3,354.20 prezz ta' fidi ta' dan iċ-ċens annwu u perpetwu u kif ukoll €1,118.10 arretrati taċ-ċens. Din is-somma tista' tiġi liberalment żbankata mill-intimati u minn min għandu dritt għalihom wara li titħalla d-debita riċevuta skont l-istess liġi.

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

Giuseppa Harding by a deed of partition dated 25th July, 1977, in the records of Notary Alexander Sceberras Trigona hereby attached as document A;

That the applicant was the only person who accepted the inheritance of Maria Giuseppa Harding née Farrugia who died on the 27th July 1987 and this by means of a note in the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section, Decree No 326/2015;

That these properties form part of a larger block (which originally consisted of a house with number 39, in Triq Zekka and the adjacent maisonette number 45 in Triq San Patrizio, on which an annual and perpetual groundrent of Lm72 was imposed today equivalent to €167.71 payable yearly to Baron Francesco Chappelle and this as results from the public deed dated 13th April, 1910, in the records of Notary Salvatore Cauchi hereby attached as document B;

And whereas the site is subject to the groundrent is that indicated on the site plan attached hereto as document C;

That the applicant wishes to avail herself of the faculty granted by virtue of Article 1501 of the Civil Code Cap. 16 of the Laws of Malta, in order to redeem this groundrent in her interest as well as third owners of the other apartments;

That the amount of €167.71 capitalised at the rate of 5% amounts to €3,354.20;

That furthermore for all intents and purposes and without prejudice to the premised the applicant is paying arrears for 10 years in the amount of €1,118.10.

Thus, the applicant is humbly calling upon this Honourable Court and under its authority deposit the sum of €3,354.20 redemption price of this annual and perpetual groundrent as well as €1,118.10 arrears of groundrent. This sum can be freely withdrawn by the respondents and by who has the right to them after leaving the due receipt according to the same law.

Notification: Director Public Registry, Valletta.

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Francesco Depasquale, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 28 ta' Novembru, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Francesco Depasquale, LLD, Doctor of Laws.

Today 28th November, 2024

Registry of the Superior Courts, today 11th July, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1790

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-5 ta' Mejju, 2025, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Vladimir Dementjev f'ismu personali fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2028/2025 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-2 ta' Mejju, 2025, tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, kontra kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Vladimir Dementjev (passaport numru 23831378) f'ismu personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjetà Bio4World Limited (C82103) preżentement imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji fejn permezz tal-preżenti l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana jinterpellakom ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallsu l-ammont ta' €561,229.67 rappreżentanti l-ammont minnkom dovut pro et noe bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għandu kontra tagħkom permezz tal-avviż li ntbagħat lilkom.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżakom li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 5th May, 2025, following a request by Commissioner for Tax and Customs it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Vladimir Dementjev in his own name in the acts of the judicial letter number 2028/2025 in the names Commissioner for Tax and Customs vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 2nd May, 2025, by The Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana against deputy curators nominated to represent the absentee Vladimir Dementjev (passport number 23831378) in his own name and as director for and on behalf of the company Bio4World Limited (C82103) presently struck off from the Registrar of Companies, the Commissioner for Tax and Customs calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €561,229.67 representing amount due by you pro et noe as value added tax according to the same Act .

With costs and interest according to the said Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants informs you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants.

Tant sabiex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Rikorrenti: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana

Intimati: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Mark Simiana, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 5 ta' Mejju, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Interpellant: Commissioner for Tax and Customs, Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Mark Simiana, LLD, Doctor of Laws.

Today 5th May, 2025

Registry of the Superior Courts, today 11th July, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1791

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-22 ta' Marzu, 2024, fuq talba ta' Gaetano Mallia Bonello ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex iħarsu l-interessi u jirrappreżentaw liċ-ċenswalist/i mhux magħrufa, fl-atti taċ-ċedola numru 659/2024 fl-ismijiet Gaetano Mallia Bonello vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 659/2024 fl-ismijiet Gaetano Mallia Bonello iben Anthony u Catherine née Spiteri, imwieled fit-28 ta' Diċemrbu, 1971, Tal-Pietà u residenti Cokis Flat, Flat 1, Triq Sant'Andrija, L-Imsida (KI 46872M) vs Kuraturi Deputati, preżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fil-21 ta' Marzu, 2024, fejn Gaetano Mallia Bonello (KI 46872M) espona bir-rispett:

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 22nd March, 2024, following a request by Gaetano Mallia Bonello vs Deputy Curators to represent the interest of the unknown emphyteutae in the records of the schedule of deposit number 659/2024 in the names Gaetano Mallia Bonello vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent, number 659/2024 in the names of Gaetano Mallia Bonello, son of Anthony and Catherine née Spiteri, born on the 28th December 1971, in Tal-Pietà and residing at Cokis Flat, Flat 1, Triq Sant'Andrija, Msida (ID 46872M) vs Deputy Curators, filed in the First Hall of the Civil Court on the 21st March, 2024, the applicant Gaetano Mallia Bonello (ID 46872M) respectfully submitted:

Illi permezz ta' att tal-15 ta' Jannar, 1991, fl-atti tan-Nutar Antoine Agius l-esponenti flimkien ma' Joseph Borg akkwista biċċa art imsejjħa Tal-Qroqq in kontrada Tal-Qroqq, limiti tal-Imsida, tal-kejl ta' ċirka 187 metru kwadru, tmiss mill-Majjistral mal-imsemmija triq, mill-irjieħ l-oħra ma' beni ta' Joseph Mallia Bonello jew irjieħ verjuri, suġġetta għar-rata annwali ta' ċens perpetwu ta' lira Maltija;

That by means of a deed of the 15th January, 1991, in the records of Notary Antoine Agius the applicant together with Joseph Borg acquired a plot of land called Tal-Qroqq in the limits of Tal-Qroqq, limits of Msida, measuring about 187 square metres, bounded on the North West by the said street, by the other boundaries with property of Joseph Mallia Bonello or more precise boundaries, subject to the annual rate of perpetual groundrent of one Maltese lira;

Illi permezz ta' att tas-27 ta' Diċembru, 1994, fl-atti tan-Nutar Antoine Agius l-esponenti flimkien ma' martu Marthese Mallia Bonello akkwista nofs indiviż ta' Joseph Borg li kienet biegħet lura lil Anthony Mallia Bonello;

That by means of a deed of the 27th December, 1994, in the records of Notary Antoine Agius the applicant together with his wife Marthese Mallia Bonello acquired one half undivided share of Joseph Borg who had sold back to Anthony Mallia Bonello;

Illi l-esponenti kien issepara minn ma' martu Marthese Mallia Bonello fit-28 ta' Ottubru, 2014;

That the applicant had separated from his wife Marthese Mallia Bonello on the 28th October, 2014;

Illi permezz tal-att tas-26 ta' Awwissu, 2015, fl-atti tan-Nutar Mark Cutajar l-imsemmija Marthese Mallia Bonello tat b'donazzjoni lil ulieda kwart tal-proprjetà inkwistjoni;

That by means of a deed of the 26th August, 2015, in the records of Notary Mark Cutajar the said Marthese Mallia Bonello donated to the children one fourth of the property in question;

Illi permezz ta' att tal-4 ta' Marzu, 2016, fl-atti tan-Nutar Mark Cutajar l-esponenti akkwista r-rimanenti kwart;

That by means of a deed of the 4th March, 2016, in the records of Notary Mark Cutajar the applicant acquired the remaining one fourth;

Illi l-esponenti jixtieq jipprevalixxi ruħu mill-fakultà lilu mogħtija mill-liġi billi jifdi dan iċ-ċens perpetwu a tenur tal-artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi);

That the applicant wishes to avail himself of the option given to him by law by redeeming this perpetual groundrent in terms of Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta (Civil Code);

Illi l-ammont ta' €2.33 kapitalizzat bir-rata ta' 5% kif stipulat fl-istess liġi jammonta għal €46.59.

That the amount of €2.33 capitalised at the rate of 5% as stipulated in the same law amounts to €46.59.

Għaldaqstant, l-esponenti qed jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha qed jiddepożita s-somma ta' €46.59 fidi tal-imsemmi ċens biex tiġi mogħtija liberament lill-intimat wara li titħalla d-debita riċevuta.

Thus, the applicant is calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing the sum of €46.59 redemption of the said groundrent to be freely given to the respondent after leaving the due receipt.

Mittenti: Coki, Flt 1, Triq Sant'Andrija, Il-Mosta

Applicant: Coki Flat 1, Triq Sant'Andrija, Msida

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta
Reġistratur tal-Artijiet, Il-Belt Valletta
Kuraturi deputati

Notification: Director Public Registry, Valletta.
Registrar of Lands, Valletta
Deputy curators

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Mark Simiana, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 22 ta' Marzu, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Mark Simiana, LLD, Doctor of Laws.

Today 22nd March, 2024

Registry of the Superior Courts, today 11th July, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1792

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-3 ta' Ġunju, 2025, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Desalegn Asfaw Tekle f'ismu personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjetà Yaso International Trading Co Ltd preżentement imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2531/2025 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-2 ta' Ġunju, 2025, tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, kontra kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Desalegn Asfaw Tekle (KI CA76024AA) f'ismu personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjetà Yaso Inernational Trading Co. Ltd (C51928) preżentement imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji, fejn permezz tal-preżenti l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana jinterpellakom ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallsu l-ammont ta' €254,899.69 rappreżentanti l-ammont minnkom dovut pro et noe bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għandu kontra tagħkom permezz tal-avviż li ntbagħat lilkom.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 3rd June, 2025, following a request by Commissioner for Tax and Customs it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Desalegn Asfaw Tekle in his own name and as director for and on behalf of the company Yaso International Trading Co Ltd presently struck off from the Registrar of Companies in the acts of the judicial letter number 2531/2025 in the names Commissioner for Tax and Customs vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 2nd June, 2025, by The Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana against deputy curators nominated to represent the absentee Desalegn Asfaw Tekle (ID CA76024AA) in his own name and as director for and on behalf of the company Yaso Inernational Trading Co. Ltd (C51928) presently struck off from the Registrar of Companies, the Commissioner for Tax and Customs calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €254,899.69 representing amount due by you pro et noe as value added tax according to the same Act .

With costs and interest according to Cap. 406 of the Laws of Malta till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you by means of a notice sent to you.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżakom li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Rikorrenti: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana

Intimati: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Henri Mizzi, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 3 ta' Ġunju, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

In default, the interpellants informs you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Interpellant: Commissioner for Tax and Customs, Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Henri Mizzi, LLD, Doctor of Laws.

Today 3rd June 2025

Registry of the Superior Courts, today 11th July, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1793

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-29 ta' April, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 381/2025JVC, fl-ismijiet: Alexander Xuereb vs Mark Anthony Vella, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Alexander Xuereb (539073M) vs Mark Anthony Vella (450978M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-15 ta' April, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimat Mark Anthony Vella huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, sebgħa u erbgħin ewro u dsatax-il ċenteżmu (€21,047.19) jew somma oħra verjuri rappreżentanti l-valur tax-xogħlijiet li r-rikorrenti esegwixxa a benefiċċju tal-intimat;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 29th April, 2025, in the records of the Sworn application number 381/2025JVC, in the names: Alexander Xuereb vs Mark Anthony Vella, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Alexander Xuereb (539073M) vs Mark Anthony Vella (450978M) filed in the Civil Court, First Hall, on the 15th April, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare that the respondent Mark Anthony Vella is a debtor of the applicant in the amount of twenty one thousand, forty seven euro and nineteen cents (€21,047.19) or other correct sum representing the value of the works which the applicant carried out for the benefit of the respondent;

2. Tordna lill-intimat Mark Anthony Vella jħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, sebgħa u erbgħin ewro u dsatax-il ċenteżmu (€21,047.19) jew somma oħra verjuri rappreżentanti l-valur tax-xogħlijiet li r-rikorrenti esegwixxa a benefiċċju tal-intimat.

Bl-ispejjeż u l-imgħax legali kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 381/2025JVC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-8 ta' Ottubru, 2025, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Mark Anthony Vella (450978M), 29, Benny House, Triq Giuseppe Agius, Paola

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Lulju, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. Order the respondent mark Anthony Vella to pay the applicant the amount of twenty one thousand, forty seven euro and nineteen cents (€21,047.19) or other correct sum representing the value of the works which the applicant carried out to the benefit of the respondent.

With all costs and legal interest against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 381/2025JVC in the names mentioned above is postponed to 8th October, 2025, at 9.00 a.m.

Notification respondent: Mark Anthony Vella (450978M), 29, Benny House, Triq Giuseppe Agius, Paola

Registry of the Superior Courts, today 11th July, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1794

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-17 ta' Frar, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 23/2025MH, fl-ismijiet: Bank of Valletta plc vs Mario Pisani, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Bank of Valletta plc (C2833) vs Mario Pisani (426476M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' Jannar, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lill-Mario Pisani iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħmistax-il elf u tnejn u disgħin ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€15,092.56) bilanċ għad-debitu fil-'current account' ta' Mario Pisani mal-Bank of Valletta plc flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-13 ta' Novembru, 2024, sad-datat tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 23/2025MH fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-27 ta' Ottubru, 2025, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Mario Pisani (426476M), Grey Shades', Flat 2A, Triq iċ-Ċilì, In-Naxxar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Lulju, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 17th February, 2025, in the records of the Sworn application number 23/2025MH, in the names: Bank of Valletta plc vs Mario Pisani, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Bank of Valletta plc (C2833) vs Mario Pisani (426476M) filed in the Civil Court, First Hall, on the 14th January, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Condemn Mario Pisani to pay the plaintiff company the sum of fifteen thousand and ninety two euro and fifty six cents (€15,092.56) balance of debt in the current account of Mario Pisani with Bank of Valletta plc together with further interest from the 13th November, 2024, till the date of effective payment.

With all costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 23/2025MH in the names mentioned above is postponed to 27th October, 2025, at 9.00 a.m.

Notification respondent: Mario Pisani (426476M), Grey shades, Flat 2A, Triq iċ-Ċilì, Naxxar

Registry of the Superior Courts, today 11th July, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1795

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-30 ta' Mejju, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 714/2024, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Kirsty Callus ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Kirsty Callus a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 26 ta' Frar, 2024

Lil Kirsty Callus (KI 358992M) ta' 26, Lelmar Crt, Flt 3, Triq J. Quintinus, San Pawl il-Baħar

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €1,347.81, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 411000029732 ossija dwar il-fond bl-indirizz Flt 9, Ent. C, Binja Msierah, Ta' Żwejt limiti ta' San Ġwann.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-krettu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 11 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 30th May, 2024, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 714/2024 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Kirsty Callus, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Kirsty Callus in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 26th February, 2024

To Kirsty Callus (ID 358992M) of 26, Lelmar Crt, Flt 3, Triq J. Quintinus, St Paul's Bay

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €1,347.81 which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding the utility bills with number 411000029732 regarding the premises with address Flt 9, Ent C, Binja Msierah, Ta' Żwejt limits of San Ġwann.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 11th July, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1796

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-30 ta' Mejju, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 249/2024, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs St George's Football Club ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' St George's Football Club a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 24 ta' Jannar, 2024

Lil St George's Football Club ta' 13, St George's Football Club, Triq il-Pellegrinaġġ, Bormla.

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €451.81, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 411000109051 ossija dwar il-fond bl-indirizz Blk A, Triq il-Pellegrinaġġ, Bormla.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-krettu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 11 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 30th May, 2024, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 249/2024 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs St George's Football Club, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent St George's Football Club in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 24th January, 2024

To St George's Football Club of 13,St George's Football Club, Triq il-Pellegrinaġġ, Cospicua

